MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2001

Numru 222/2000

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Cordina)**

**vs**

**Jason James Agius ta' 36 sena, iben Joseph u Mary Doris nee Vella, mwieled il-Hamrun fit-23 ta' Jannar, 1974, residenti fl-indirizz numru 1, Triq San Frangisk, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' Numru 229590(M)**

**Illum 22 ta' Mejju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jason James Agius li gie akkuzat talli fit-30 ta' Marzu, 2000, ghall-habta tas-7.30 ta' filghodu fil-Hamrun attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi, u ufficjali ohra tal-Pulizja, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi, bi ksur ta' l-Artiklu 96 (a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku bi ksur ta' l-Artiklu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u glied, bi ksur ta' l-Artiklu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, waddab oggetti iebsin fid-direzzjoni ta' haddiehor bi ksur ta' l-artiklu 339(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, ingurja jew hedded lil diversi ufficjali tal-Pulizja, persuni nkarigati b'servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu dan is-servizz bi ksur ta' l-Artiklu 95 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

B'hekk sar recidiv ghat-terminu ta' l-Artiklu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduti datati 10 t'Awissu 1991, 24 ta' Jannar, 1995 12 ta'Marzu 1997 u 29 ta' Settembru, 1999 li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

B'hekk ukoll kiser il-provediment tal-probation Artiklu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Carol Peralta LL. D. fit-13 ta' Marzu, 2000.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji (a fol 22 Dok JA).

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li kien irrisponda li mhux hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi u trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat.

Illi semghet lill-barman Leo Refalo, li jahdem gol-Liberty Bar li fih sar l-allegat incident in dizamina. Xehed li l-akkuzat u persuna ohra kienu fil-hanut tieghu u gew fl-idejn. Qal ukoll li l-akkuzat beda anke jghajjar lil Spettur u jghidlu li ma jibza' minn hadd. Xehed li l-akkuzat ma obdiex l-ordni tal-Pulizija li johrog minn gol-hanut u li anke beda jzomm lis-Surgent minn spalltu, li kien hemm imbuttar u li beda jinrrezisti. Xehed ukoll li fl-opinjoni tieghu Jason l-akkuzat kien xurban.

Xehed l-Ispettur Alexander Miruzzi, qal li meta wasal gol-Liberty Bar sema' persuna tidghi li gharaf bhala l-imputat. Xehed li sema' lill-imputat jitkellem hazin, jaghajjar lis-Supretendent Zammit u pulizja iehor u li sahansitra avvicina lix-xhud biex jintimidah u anke tah daqqa go wiccu. Qal ukoll li meta l-imputat hareg mill-bar waddab tazza tal-hgieg lejn l-ghassa. L-imputat baqa' jhedded lis-Supretendent, lil Sp. Cordina, jidghi u jitkellem oxxen. L-Ispettur ikkonferma wkoll li matul dan l-incident hu kien liebes l-uniformi, kif kienu hekk lebsin is-Surgent u l-kuntistabbli. Xehed l-ispettur li l-akkuzat kompla hekk jidghi anke waqt li kien go l-ghassa. Qal li beda jhedded b'mod specjali lil PS 1503 u lil PC 1243 Salvu Azzopardi, sahansitra tefa lighter bis-sahha ghal PC 1243 Zammit, Zied li ftit tal-minuti wara l-akkuzat anke qala wahda miz-zraben u tefaghha fid-direzzjoni tas-Surgent 1503 Andy Ellul. Anke fic-cella l-akkuzat kompla jkellem lill-Pulizija hazin u kompla jheddidhom. In kontroezami l-Ispettur xehed li mill-bar sa l-ghassa l-akkuzat wasal fuq saqajh u

kkonferma li ma kien mghejun minn hadd.  Xehed ukoll l-ispettur li meta l-akkuzat tah daqqa go wiccu u hemm tul is-siegha kolla ma xammx fuqu riha ta' xorb partikolari ta' persuna li kienet mejta fis-sakra.  Qal  l-Ispettur hekk: "Jien nghid li ma kellux riha ta' xorb partikolari." (a fol 39). Zied jghid hekk "Iva kellu riha ta' xorb.  Pero' r-riha ta' xorb ma kinitx ta' wiehed li ma kienx jaf x'kien qed jghid." Spjega dan ghax xehed ukoll li tant l-akkuzat kien jaf x'kien qed jghid li sahansitra qallu li kien se jpattihielu talli kien hadlu r-registration number tal-karozza tieghu meta kien ghaddej minn St. Joseph High Road.  L-Ispettur fil-fatt ikkonferma li dan l-incident kien vera gara.

Xehed ukoll PC 1503 Andy Ellul.  Ikkonferma li l-akkuzat meta huma accedew gol-Liberty Bar biex jikkalmaw il-glieda, kien aggressiv hafna u beda jghidilhom, cioe lill-Pulizija, kliem ta' theddid bhal naharqek u noqtlok.  Ra ukoll lill-akkuzat jaghti daqqa ta' harta l-ispettur Miruzzi. Ikkonferma ukoll l-incident tat-tazza, taz-zarbun u tal-lighter.  Qal li darba go l-ghassa l-akkuzat rega beda jagixxi b'mod aggressiv, tant li anke beda jhabbat rasu ma' hajt.

PS 563 Dennis Chircop xehed li darba li wasal fil-Liberty Bar huwa sema, ghax setgha jarah minn barra, lil Jason Agius l-akkuzat jghid kliem hazin u jghajjat.  Ikkonferma wkoll li l-akkuzat ta daqqa ta' harta lill-Ispettur Miruzzi. Zied li biex wasal  l-ghassa kellhom imexxu lill-akkuzat ghaliex ma riedx imur lejn l-ghassa, anzi pprova juza l-forza maghhom.

PC 1468 Saviour Zammit ikkonferma li kif l-akkuzat kien gej lejn l-ghassa akkumpanjat mill-Pulizija rah jarmi tazza li kienet f'idu.  Xehed dwar l-aggressivita' ta' l-akkuzat fl-ghassa u li sahansitra rreagixxa bl-ikrah fuq ix-xhud odjern.  Qal li fil-fatt imubattah u anke f'okkazjoni ta' tmien snin ilu fejn kien arrestah dan l-istess xhud.  Dan ix-xhud anke xehed li l-akkuzat neza l-qalziet u ghadda kummenti oxxeni f'dan ir-rigward lejh.  Zied ukkoll li ppruvaw jdahhluh fi-cella ghal tliet darbiet.

Ikkonsidrat.

Illi in vista ta' dak kollu premess il-Qorti hija konvinta li l-akkuzat Jason James Agius huwa hati tar-reati kif lilu addebitati, u dan wara li rat l-artikoli 96, 95, 338(bb), 338(dd), 339 (b), 49 u 50 lkoll tal-Kap 9, kif ukoll tal-ksur tal-provediment taht l-artikolu 9 tal-Kap 152. Rat ukoll l-artikolu 17 u 31 tal-Kap 9. Rat il-fedina penali ta' l-imputat, minn din jidher car li l-imputat ghandu problema cara u certa in kwantu l-imgieba tieghu lejn Ufficjali tal-Pulizija.

Rat ukoll il-presentencing report tal-ufficjal tal-probation Marietta Lanzon f'liema rapport hemm suggerit li l-piena addatata ghall-akkuzat ghandha tkun dik ta' sentenza sospiza taht sorveljanza. Lanqas kieku l-Qorti taqbel ma' tali suggeriment hija legalment prekluza milli tapplika l-artikolu 28A tal-Kap 9 b'dak stess stipulat fis-subinciz (7) ( c) tieghu. Rat ukoll l-artikolu 10(a) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalhekk ma tqisx li huwa llum huwa idoneu biex jibbenefika mill-provedimenti ta' l-imsemmi Kap. Tqis li sal-llum l-imputat inghata diversi opporunitajiet ghaldaqstant qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt xhur mil-llum b'rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-awtoritajiet tal-Facilita' Korrettiva li jekk Jason James Agius juri din ix-xewqa jaghtuh il-fakolta' li jsegwi jew ikompli programm kontra l-abbuz ta' l-alkohol.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.